MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 40/2012

**Appell Numru: 40/2012**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maria Stella Attard]**
**Vs**
**Kenneth Zammit**

Illum, 31 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Kenneth Zammit detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 266790M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-11 ta' Dicembru, 2010 ghall-habta ta' l-04.15am fi Triq San Mikiel Anton Vassalli, San Giljan:
1. Saq jew ipprova isuq jew kellu kontroll ta' vettura nru: JBL679 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
2. W'aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tal-vettura Nru: JBL 679 fit-triq jew f'post pubbliku wara li

kkonsma tant alcohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.
Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2012 fejn il-Qorti wara li rat rat l-Artikoli 15, 15A, 15B u 15H tal-Kap 65, u l-artikolu 637 tal-Kap 9, il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' €1200 (elf u mitejn ewro) u sospensjoni illi jkollu licenzja ghall-zmien sitt (6) xhur.
Rat ir-rikors tal-appellant Kenneth Zammit minnu pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :-

**Dubju ragjonevoli li ghandu jmur favur l-imputat**

Fl-ewwel lok, l-esponenti jibda billi jaghmel referenza ghax-xhieda tieghu li huwa ta taht gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, fejn spjega fid-dettal dak li effettivament gara u ma garax u ma halla l-ebda informazzjoni ulterjuri barra.

Mill-banda l-ohra, l-prosekuzzjoni serhet il-kaz taghha biss fuq affidavit wiehed ta' ufficjal ta' pulizija u l-ircevuta ta' wiehed minn numri ta' breathylser tests li saru. L-istess ufficjal fl-affidavit tieghu (kif del resto hekk xehed ukoll l-esponenti) jiddikjara illi kien hemm mill-anqas ufficjal iehor mieghu. Madanakollu, sfortunatament ghad-difiza (u forsi, bir-rispett, konvenjentament ghall-prosekuzzjoni) dan l-ufficjali l-ohra ma xehedux fil-proceduri u lanqas ma gie pprezentat affidavit taghhom. B'hekk id-difiza kienet

prekluza milli tgharbel ix-xiehda ghal inkonsistenzi u kuntradizzjonijiet bejn iz-zewgt ufficjali.

Ghar-rigward tal-uniku affidavit li gie ezebit, bir-rispett, l-esponenti, kif anke ghamlet id-difiza fit-trattazzjoni orali ta’ din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti, jhoss illi l-mod ta’ kif gie miktub l-affidavit kif jghidu bit-Taljan lascia tanto a desiderare. Li qed jigi kontestat hawn huwa l-fatt illi minn naha tal-prosekuzzjoni gew omessi certu dettalji li fil-kamp penali huma vitali.

Dan il-fatt johrog aktar car meta wiehed jaqrah fid-dawl tax-xiehda tal-esponenti. L-esponenti xehed fid-dettal dwar id-diversi tentattivi inutili li saru qabel ma nhareg it-test u l-ircevuta li spiccat formanti parti mill-atti tal-kawza odjerna. Xehed ukoll dwar kliem l-ufficjal tal-pulizija li jindirizza lill-kollega tieghu fis-sens li fl-ahhar mill-ahhar wisq probabli l-livell tal-alkohol fin-nifs tal-esponenti kien wiehed entro l-parametri tal-ligi, kif ukoll dwar kif l-ewwel gie awtoirzzat illi jitlaq izda mbaghad qalulu biex jibqa’ hemm ghax kellhom rizultat iehor.

F’dan il-kaz, fid-dawl ukoll ta’ dak li effettivament gara, il-fatt li qabel ma hareg reading ta’ 48u/100ml kien hemm numru ta’ testijiet li rrizultaw mhux konklussivi, kif ukoll ta’ dak li sema’ b’widnejh stess l-esponenti minn halq ufficjal tal-pulizija, dawn id-dettiji li thallew barra kollha jimpingu fuq il-grad ta’ prova rikjest mill-ligi penali ghal sejbien ta htija u joholqu d-dubju - dubju li fil-ligi kriminali ghandu dejjem jmur favur l-imputat.

U huwa propju ghalhekk, li l-esponenti jerga’ jtenni, bir-rispett, li dawn id-dettalji jew informazzjoni ulterjuri thalliet barra mill-provi tal-prosekuzzjoni konvenjentament. Ufficjal tal-pulizija entuzjast facilment jikkonkludi li la kien hemm rizultat wiehed minn hafna li gie aktar minn 35u/100ml, allura dan kien bizzejjed - izda l-ufficjal ma hux il-gudikant.

Prova ohra ta’ dan in-nuqqas ta’ dettal huwa wkoll il-fatt li l-istess PS 1074 ma jsemmix li l-esponenti gie akkumpanjat l-ghassa tal-pulizija, u lanqas biss jaghmel

referenza ghall-fatt li 1-esponenti iffirma l-ircevuta tal-breathlyser - fatt li jista' jigi ampjament konfermat mid-dokument innifsu. Multo magis ghalhekk isegwi li wisq anqas kien propens l-ufficjal li jsemmi 1-problemi li ltaqghu maghhom biex waslu jaghmlu dan it-test li pprezentaw lill-Qorti.

Punt iehor hu l-fatt li l-ufficjal PS 1074 fl-affidavit tieghu donnu ried jindika li l-esponenti kien qed isuq b'xi speed eccessiv. Dan il-fatt ghal darb'ohra jerga' jitfa' dubju fuq l-ezattezza o meno li biha sar l-affidavit. Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi, apparti li l-esponenti ma huwa rinfaccjat bl-ebda imputazzjoni ghal sewqan b'velocità eccessiva, ezatt fit-tarf tal-mina (int u hiereg mill-mina direzzjoni lejn l-Imsida propju kif kien qed isuq l-esponenti) kien hemm u ghad hemm speed camera. L-esponenti ma rcieva l-ebda avviz ta' kontravvenzjoni ghal speed eccessiv rigwardanti dak il-lejl, fattur dan li facilment jista' jigi kkonfermat tramite r-records tal-Guard & Warden Agency Limited, l-operatur tal-ispeed cameras f'Malta.

Fl-ahhar nell, bl-lealtà, l-esponenti jiddikjara li huwa ben konsapevoli mill-fatt illi l-ligi stess taht 1-artikolu 15E (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tistipola li r-rizultati tal-analizi ghandhom jigu prezunti bhala korretti sakemm ma jigix ppruvat il-kuntrarju. Madanakollu, l-esponenti jirrispondi ghal din id-disposizzjoni, bix-xiehda tieghu fejn jiddikjara u jikxef il-problemi li kellhom l-ufficjali biex jikkonkludu dan it-test. Dan, fl-umili fehma tal-esponenti, jikkostitwixxi d-dubju ragjonevoli dwar jekk l-istrument uzat dakinhar tal-11 ta' Dicembru 2010 kienx qed jahdem tajjeb jew le.

Wiehed irid ukoll jaghmel referenza ghall-qari li rrizulta u li gie pprezentat lill-Qorti. Il-qari huwa dak ta' 48u/100ml. Mir-regolamenti dwar it-testijiet tan-nifs L.S. 65.16 tohrog cara wkoll illi l-legislatur ried jaghti opportunità ohra lil kull mm jigi rinfaccjat b'rizultat ta' anqas minn 50u/l00ml li jerga' jitlob ghall-test iehor b'xi kampjun taht l-artikolu 15E (1)(b) tal-Ordinanza. L-esponenti jikkontendi li din l-opportunità ma nghatatx lic-cittadin b'kapricc izda giet moghtija mill-legislatur stante li kien ben konsapevoli li

readings baxxi bhal dawn ma humiex kompletament ta' min dejjem jafda fuqhom.

Aktar u aktar jikber id-dubju allura dwar il-korrettezza o meno tar-rizultat prezentat il-Qorti, tenut kont tal-fatti kif graw u li pprecedew dan it-test u tal-qari li mbaghad irruzulta li huwa anqas minn 50u/l00ml. Ghaldaqstant, stante dan id-dubju u l-fatt I ma ntlahaqx il-livell ta' prova mistenni fil-kamp penali sabiex tinstab htija, l-esponenti ghandu jjgi liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**Il-qari tal-breathlyser ma giex sostitwit b'xi kampjun tad-demm jew tal-urina.**

L-esponenti jaghmel umili referenza ghall-fatt li nonostante li gie akkumpanjat l-Ghassa tal-Pulizija, u ghalkemm il-qari kien biss ta' 48u/l00ml xorta wahda ma giex kondott test ulterjuri tan-nifs jew b'kampjun iehor skond kif jiddisporil 1-artikolu 15E(1 )(b) tal-Ordinanza tat-Traffiku.

Ir-regolament 7 tal-L.S. 65.16 jghid:

*"Meta jigi uzat l-istrument muri fit-Tielet Skeda, ghall-analizi ghandu jintalab kampjun tan-nifs wiehed skont 1-artikolu 15E(1)(a) tal-Ordinanza:*

*Izda jekk il-kampjun ikollu mhux izjed minn 50 mikrogramma ta' alkohol f' 100 millilitru ta' nifs, il-persuna li tkun tatu tista' titlob li dan jigi sostitwit b'xi kampjun bhal dawk li jistghu jkunu mehtiega bl-artikolu 15E(1)(b) tal-Ordinanza u, jekk mbaghad jaghti kampjun bhal dak, ebda kampjun tan-nifs ma ghandu jintuza."*

L-esponenti fuq il-post stess kkontesta r-rizultat u qal lill-ufficjali li ma jistax ikun tajjeb tali rizultat. Huwa minnu wkoll mill-banda l-ohra li 1-esponenti ifirma 1-ircevuta tar-rizultat. Madanakollu bir-rispett, 1-esponenti jtenni li tenut kont li kien ghad kellu biss 19-il sena, u li ma kienx ser joqghod ihaqqaqa ma' pulizja f'nofs road search, hu semplicement qabad u ghamel kif tawh struzzjonijiet biex jaghmel.

Una volta fl-ghassa, l-esponenti baqa' jikkontesta r-rizultat u tkellem mas-surgent li kien ghassa dak il-lejl li hu kien qed ihossu sew u li ma setax jifhem kif rrizulta hekk, izda hadd mill-ufflcjali ma offrielhu li jsir test iehor b'kampjun tad-demm tal-urina.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, 1-esponent umilment jikkontendi illi stante li ma giex segwit il-proviso tar-regolament 7 tal-L.S. 65.16, nonostante l-kontestazzjonijiet tieghu, din l-irregolarita ghandha tmur favur 1-esponenti u t-test tan-nifs mehud fil-post meta twaqqfet il-vettura ghandu jigi dikjarat inammissibli.

**L-ewwel imputazzjoni ma gietx sufficjentament pruvata skond il-ligi**

L-esponenti apparti li gie rinfaccjat b'imputazzjoni talli kien kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs kienet izjed mill-limitu preskritt mill-ligi, gie wkoll akkuzat talli saq jew pprova jsuq meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

Jigi pero` mill-ewwel argumentat illi s-semplici fatt li wiehed jinstab li ma ghaddiex mit-test tal-breathlyser, dan ma ghandux ifisser awtomatikament li ghandu jinstab hati wkoll tal-ewwel imputazzjoni.

Biex tinstab htija taht 1-artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-reat taht 1-artikolu 15B, liema reat huwa determinat merament minn kemm ikun l-proporzjon tal-alkohol fin-nifs, demm jew urina), ma jinhtiegx biss li jigi ppruvat li sewwieq saq vettura taht 1-influwenza tax-xorb, izda, jrid ikun hemm il-prova li s-sewwieq propju minhabba 1-alkohol (u dan indipendentament minn kemm ikun il-livell tal-alkohol fis-sistema) ma kienx f'kundizzjoni li jsuq.

Dwar il-kwistjoni tax-xorb, gie ripetutament ritenut mill-Qrati taghna li ghal fini tal-artikolu 15A tal-Kap 65, il-fatt li xufier ikollu riha ta' xorb ma hijiex prova bizzejjed li x-xufier ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Fil-kaz il-Pulizija vs

Jan Spiteri deciz per Onor. D Sccluna nhar it-22 ta' Ottubru 2008, il-Qorti qalet testwalment hekk:

*"Kwantu mbaghad ghal S.M.. 1373, huwa minnu li jghid li l-appellant kellu riha qawwa ta' xorb izda dan wahdu ma hux prova li l-appellant ma kienx f'kundizzjoni li jsuq".*

Il-kawza il-Pullzija vs Keith Aquilina, ikkwotat b'approvazzjoni 1-istess sentenza ta' Jan Spiteri u marret oltre fejn irriteniet li ghalkemm ma kellha 1-ebda dubju li meta x-xufier gie imwaqqaf mill-pulizija huwa kien xurban madanakollu dan ma jfissirx awtomatikament li huwa ma kienx f'kundizzjoni li jsuq.

Issir ukoll referenza ghall-fatt l-agir tal-esponenti meta gie mwaqqaf mill-pulizija kien wiehed pjuttost kalm u normali u fl-affidavit ma hemm l-ebda referenza ghal xi incidenti li setghu jindikaw li l-esponenti ma kienx f'sensih, jew diskors imlaqlaq da parti tal-esponenti, jew per ezempju li l-esponenti ma setax jzomm fuq saqajh.

Fil-kaz in kwistjoni, apparti l-fatt illi kif digà gie msemmi aktar il-fuq, il-livell tal-alkohol fin-nifs kien biss ta' 48u/100ml, 1-uniku zewgt ikliem tal-prosekuzzjoni li jistghu jitfghu dawl fuq kif kien qed isuq 1-esponenti huma il-kelmiet "bi speed u b'mod irregolari".

Ghar-rigward tal-velocità, 1-esponenti mhux ser jerga' jirrepeti dak li diga tenna taht l-aggravju (A) ta' dan 1-appell. Ghar-rigward tal-irregolarità tas-sewqan, 1-esporienti jikkontendi illi dan it-terminu huwa vag wisq u ma jindikax kif effettivament kien jew ma kienx is-sewqan, izda bir-rispett hija kelma li tpoggiet, ghal darb'ohra konvenjentament, biex tipprova tolqot kollox.

L-epsonenti jtenni fix-xiehda tieghu illi rrispettivament mill-livell tal-alkohol fis-sistema tieghu huwa kien f'kundizzjoni li jsuq, u l-kapacità tieghu ma gietx imnaqqsa u ghaldaqstant, huwa ghandu jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni stante li ma tirrizultax.

Apparti minn hekk, tant huwa minnu li l-esponenti kien qed isuq b'mod prudenti u kellu 1-kontroll komplet tal-vettura li ma nhargulu 1-ebda akkuzi kontra tieghu taht l-artikolu 15(1 )(a) tal-Ordinanza tat-Traffiku.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien qed isuq vettura Honda JBL 679 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan fil-11 ta' Dicembru, 2010 ghal habta ta' 4:15 am. Dak il-hin kienet qieghda ssir roadblock u PS 1074 L. Stivala nnota din il-vettura Honda Integra b'magna rrejzjata taqbez min lane ghall-ohra b'sewqan irratiku. Waqfu din il-vettura u meta hareg l-appellant Stivala xamm riha ta' xorb. L-appellant accetta li jsir breathalyser test li minnu hareg reading ta' 48 mg/ml. L-appellant xehed illi huwa jahdem il-MacDonalds u kien xhift ta' bil-lejl meta spicca x-xhift kien ghajjien, il-karozza hija wahda sportiva u li hija l-hobby tieghu. Meta waqfuh il-pulizija talbuh id-dettalji u tahomlhom, talbuh jaghmel test tan-nifs u accetta u dana ttiehed mill-inqas tliet darbiet, regghu ppruvaw u wiehed mill-pulizija kien qallu illi kien sew illi seta' jmur id-dar. Fuq talba ta' l-appellant marru l-ghassa ta' l-Imsida fejn damu xi nofs siegha u wara baghtuh id-dar. L-appellant ammetta li kien ha zewgt ifliexken birra ftit qabel ma beda jsuq, fil-fatt ir-rizultat tat-test tan-nifs kienu tnejn normali u wiehed le f'livell ta' 48 mg/ml. L-appellant argumenta fir-rikors ta' l-appell tieghu illi c-cirkostanzi tat-tehid tal-breathalyser test jitfa dubju favur tieghu. Hemm prezentati f'dawn l-Atti hames chits, tlieta ffirmati u tnejn le. Rizultat ta' 48 mg/ml hu taht il-livell rikjest mill-Ligi u ghalhekk ma hemm l-ebda prova illi l-appellant kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb.

Ikkunsidrat.

L-appellant huwa addebitat b'zewg imputazzjonijiet, l-ewwel wahda illi saq vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb u t-tieni talli saq wara li kkonsma alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs kien izjed mill-limitu preskritt. Rigward it-tieni mputazzjoni rrizulta wara diversi tesstijiet illi r-reading illi hareg mit-test tan-nifs kien wiehed

marginali 48 mg/ml f'liema kaz allura l-Qorti taghti d-dritt lil dak li jkun illi jitlob illi jisr ezami tad-demm jew ta' l-urina halli jigi aktar accertat il-livell ta' l-alcohol fid-demm. F'dan il-kaz irrizulta illi c-cifra ta' 48 mg/ml harget wara diversi tentattivi minn nahha tal-pulizija sabiex jippruvaw johorgu xi reading, hemm hames chits prezentati f'dawn l-Atti, tlieta minnhom ffirmati mill-appellant u tnejn le. L-appellant jghid illi t-test hadu mill-inqas tliet darbiet u kien fuq wiehed minnhom biss illi hareg reading ta' 48 mg/ml. Dan il-livell kien jintitola lill-appellant illi jitlob ezami iehor skont kif mehtieg bl-Artiklu 15E (1) (b) ta' l-Oridnanza tat-Traffiku, dan l-ezami ma sarx u l-Qorti ghandha biss quddiemha dokument wiehed illi juri livell ta' konsum ta' alcohol ghola minn dak preskritt mil-ligi (35mg/100 ml Art. 151(a) Kap. 65).

Din il-Qorti tirrileva li l-ezami tan-nifs huwa wiehed mill-mizuri illi ghandha l-prosekuzzjoni bhala prova biex tressaq dak li jkun pero' mhijiex l-unika prova illi wehidha tista twassal ghal htija o meno. Vera illi dina hija prova teknika illi ftit tista tirraguna kontra taghha, pero' hemm provi ohra li l-prosekuzzjoni tista ggib biex tressaq il-kaz taghha ta' sewqan taht l-influwenza ta' xorb, f'dan il-kaz skond l-appellant, il-prova ta' l-ezami tat-test huwa marginali u mhuwiex konklussiv. Il-provi pero` juru mod iehor. Il-Pulizija jghid illi ra lill-appellant jaqbez min lane ghall-ohra b'mod erratiku u meta waqfu xamm riha ta' xorb. L-appellant mhuwiex akkuzat talli saq b'mod traskurat jew negligenti izda biss illi kien qed isuq meta ma kienx f'kondizzjoni li jaghmel dan minhabba xorb. Il-Qorti jidhrilha illi gie ippruvat minghar dubju dettat mir-raguni illi dana kien il-kaz, is-surgent xamm riha ta' xorb u meta sar it-test tekniku dana kien wiehed konklussiv u pozittiv. Ghalhekk jekk kien qed isuq b'mod erratiku dana kien kawza tax-xorb u ghax ried jaghmel hekk l-appellant, izda l-metodu ta' sewqan ta' l-appellant muhiex "in issue" u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu provedimenti dwar dan. Mill-bqija, l-Qorti jidhrilha li l-prosekuzzjoni rrnexxielha tipporva fi grad li trid il-ligi li l-livell ta' alcohol fin-nifs tal-appellant kien izjed minn dak preskritt u ghalhekk l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment issib htija.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------